MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 18/2010/1

**Valletta Freight Services Limited (C3478)**

**v.**

**Direttur Qrati Ċivili u Tribunali u Tarros S.p.A. għal kull interess li jista' jkollha u b'digriet tas-16 ta' Frar, 2011 ġie kjamat fil-kawża l-Avukat Ġenerali**

**1.** Dan huwa provvediment dwar talba magħmula mill-avukati tas-soċjeta` appellanti fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2014 għar-rekuża tal-President tal-Qorti Silvio Camilleri u tal-Onor. Imħallef Dr. Tonio Mallia "peress li kienu ddeċidew kawża fil-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Diċembru, 2010 bejn l-istess partijiet u fuq l-istess mertu."

**2.** L-avukati tas-soċjeta` appellanti ma indikaw ebda dispożizzjoni tal-liġi speċifika in sostenn tat-talba tagħhom iżda minn eżami tad-diversi subinċiżi tal-artikolu relevanti li si tratta mill-eċċezzjoni tar-rikuża, u ċioé tal-Artikolu 734 tal-Kap. 12, jidher li l-uniku subinċiż li jista' potenzjalment jagħmel għall-każ odjern huwa l-paragrafu (d)(ii) tas-subartikolu (1) tal-artikolu msemmi li fil-parti relevanti tiegħu jipprovdi li l-imħallef jista' jiġi rrikużat: *"jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala imħallef jew bħala arbitru:"*

**3.** Il-kawża deċiża fit-3 ta' Diċembru 2010 li għaliha ssir riferenza fil-verbal tad-19 ta' Mejju 2014 li bih ġiet sollevata l-eċċezzjoni ta' rekuża tikkonsisti f'appell fl-ismijiet **Dr. Renato Cefai għan-nom u in rappreżentanza bħala prokuratur speċjali ta' Tarros International s.p.a illum magħrufa Tarros s.p.a v. Valletta Freight Services Limited** li t-tnejn huma partijiet fl-appell odjern.

**4.** Fost il-komponenti tal-Qorti tal-Appell li tat is-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2010 kien hemm il-President ta' din il-Qorti kif ukoll l-Onor. Imħallef Tonio Mallia. Fir-rikors tal-appell deċiż b'dik is-sentenza s-soċjeta` appellanti, li hi l-istess soċjeta` appellanti f'dan l-appell, talbet fost talbiet oħra it-tħassir ta' digriet li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Lulju 2009 li bih iddeċidiet li l-kwistjonijiet deċiżi f'*lodo arbitrali* kienu magħluqa u li għalhekk kien għalxejn li jinstemgħu xhieda dwar il-mertu ta' dawk il-kwistjonijiet. Dwar din it-talba il-Qorti tal-Appell, komposta *inter alia* kif ingħad mill-President ta' din il-Qorti u mill-Onor. Imħallef Tonio Mallia, irriteniet li "... għamlet sew l-ewwel Qorti li ddeċidiet li ma tismax provi dwar it-tielet eċċezzjoni u t-tielet talba rikonvenzjonali" u aktar tard, dwar l-aggravju fil-mertu li l-ewwel Qorti ma kinitx semgħet provi u ma tathiex ċans tittratta l-kawża finalment, il-Qorti tal-Appell fl-istess sentenza msemmija rriteniet li *"fuq dan l-aggravju, din il-Qorti tinnota għal darba oħra, li ma kienx il-kompitu tal-ewwel Qorti li terġa tiftaħ is-smiegħ fil-mertu, u ma kellhiex provi x'tisma".* Il-Qorti tal-Appell imbagħad għaddiet sabiex tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenzi u d-digriet tal-ewwel Qorti li minnhom sar l-appell u ċioé kkonfermat id-digriet imsemmi tat-2 ta' Lulju 2009.

**5.** Issa fir-rikors promotorju ta' dan il-ġudizzju s-soċjeta` appellanti qegħdha titlob jiġi deċiż li sofriet leżjoni tad-dritt tagħha għal smiegħ xieraq kif imħares bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja billi ġiet imċaħħda mid-dritt li jkollha determinazzjoni minn qorti jew tribunal tad-drittijiet ċivili tagħha u li ġiet imċaħħda mid-dritt li tressaq dawk il-

provi in sostenn tal-pretenzjoni tagħha u dan fuq il-bażi, *inter alia*, tal-premessa fl-istess rikors li *"... b'konsegwenza tal-provvediment mogħti ... fit-2 ta' Lulju 2009 ... ir-rikorrenti inġiebet f'posizzjoni fejn hija ġiet imċaħħda minn determinazzjoni tad-drittijiet ċivili tagħha."* Dan hu wkoll li qegħdha ssostni s-soċjeta` appellanti fl-appell quddiem din il-Qorti.

**6.** Dan kollu jfisser li fl-appell odjern is-soċjeta` appellanti qed titlob li din il-Qorti tiddikjara leżiv tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq id-digriet tat-2 ta' Lulju 2009 li din il-Qorti komposta mill-President tagħha u mill-Imħallef Tonio Mallia kienet ikkonfermat u allura approvat bis-sentenza tagħha tat-3 ta' Diċembru 2014. Dan ifisser ukoll li tal-anqas parti sostanzjali mill-mertu tal-appell odjern kien ġia` ġie quddiem u ġie deċiż mill-President u l-Onor. Imħallef Tonio Mallia bħala Imħallfin u li issa qiegħed jintalab minnhom li jiddeċiedu li dak approvat minnhom kien leżiv tad-dritt tas-soċjeta` appellanti għal smiegħ xieraq. Dan jinkwadra fir-raġuni ta' rekuża skont l-Artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kap. 12 u għalhekk it-talba għar-rekuża tal-President tal-Qorti u tal-Onor. Imħallef Tonio Mallia hi msejjsa tajjeb fil-liġi.

**Provvediment**

Għaldaqstant, għall-motivi premessi, din il-Qorti tilqa' t-talba għar-rekuża tas-S.T.O Imħallef Silvio Camilleri u tal-Onor. Imħallef Tonio Mallia.

L-ispejjeż ta' dan l-inċident jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------